TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Emma Aquilina**

**Vs**

**SG Solutions Ltd/ iCentre**

**CCT 34/24/MM**

**Illum,** 18 ta' Frar 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrent ippreżentat fit-13 ta' Frar 2024 fejn talbet is-somma ta' sebgħa mija u erbgħa u tmenin ewro (€784), rappreżentanti l-valur ta' mobile phone li r-rikorrent ta' lis-soċjeta' intimata għat-tiswija matul il-perjodu tal-garnazija u li baqa' ma ssewwiex.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent qegħda titlob is-somma ta' sebgħa mija u erbgħa u tmenin ewro (€784), rappreżentanti l-valur ta' mobile phone li r-rikorrent tat lis-soċjeta' intimata għat-tiswija matul il-perjodu tal-garnazija u li baqa' ma ssewwiex. Illi fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2024 ir-rikorrenti xehdet bil-ġurament u stqarret li l-mobile phone tagħha tal-għamla Apple

Iphone 13 pro beda jieqaf u jintefa sakemm eventwalment waqaf jaħdem kompletament. Illi eventwalment ġiet infurmata mir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata li kien hemm evidenza ta' Liquid Contact Indicator (LCI) u li minħabba f'hekk il-mobile ma kienx ser ikun kopert bil-garanzija. Illi r-rikorrenti ssostni li ma taqbilx li kien hemm corrosion u lanqas ma taqbel li kien hemm xi LCI stante li skont hi l-*speakers, microphone* u l-kumplament tal-*hardware* kien baqa' tajjeb.

Illi s-soċjeta' intimata irrispondiet billi qalet li meta l-ħaddiema tagħha spezzjonaw il-mobile huma sabu l-viti bis-sadid u li dan ifisser li kien sar kuntatt ma xi likwidu. Illi s-soċjeta' intimata spjegat li skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija mogħtija mill-Apple, meta jkun hemm evidenza li l-viti tal-mobile ikunu danneġjati bħal fil-każ odjern fejn kien hemm is-sadid, tali mobile ma jkunx eleġibbli biex jisewwa. Madanakollu s-soċjeta' intimata xorta impenjat ruħha li teżaminha l-mobile. Illi matul investigazzjoni iżjed fonda, u wara li fetħu l-mobile huma sabu LCI li dan ifisser li l-mobile kien ġie f'kuntatt ma xi likwidu u li xi likwidu kien daħal fil-mobile u kkompromettih. Is-soċjeta' intimata spjegat li meta jkun hemm ingress ta' xi likwidu fil-mobile, il-garanzija tal-Apple ma tkoprix it-tiswijiet li jista jkun hemm bżonn.

Illi l-partijiet qablu li jinħatar espert sabiex jeżamina l-mobile u jirrelata lit-Tribunal. Illi t-Tribunal ra r-rapport tal-espert Keith Cutajar datat 28 t'Ottubru 2024. Illi mir-rapport tal-espert Keith Cutajr huwa ferm evidenti li l-mobile waqaf jaħdem għax kien daħal l-ilma fih u kkomprmettih. Illi l-espert jikkonferma li kien hemm xi viti msadda u li kien hemm waħda mill-LCI li ġiet *trigerred.* Ill dan kollu jikkonferma l-verżjoni tas-soċjeta' intimata. Illi r-ritratti preżentati mill-espert jaqblu wkoll ma' dawk preżentati mis-soċjeta' intimata. Illi l-espert jinnota li minkejja li l-Apple isostnu li l-mobile għandu ċertifikazzjoni IP68 u li għalhekk suppost jiflaħ għall-kuntatt mal-ilma, fl-istess waqt jispjega li l-garaznijja tal-Apple ma tkoprix ħsarat kaġunati minn kwalsiasi kuntatt mal-ilma. Illi fil-każ odjern, il-kuntatt mal-ilma kien wieħed minimu stante li mhux l-LCI kollha fil-mobile ġew *trigerred.* Illi l-espert jesprimi l-opinjoni li l-Apple qegħdin iqarrqu bil-klijenti tagħhom.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti tibbaża l-azzjoni tagħha fuq il-provvedimenti tal-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-taqsima hija msejħa "*Bejgħ ta' oġġetti lill-Konsumatur*". A tenur tal-artikolu 73 ta' dan l-Att:

**(1)** Il-kummerċjanti għandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oġġetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ, u skont hekk ikollhom l-obbligu li jiżguraw li l-oġġetti –

**(a)** jkunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, l-fattizzi u lkwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant jkun wiegħed jew ikun wera jew xort'oħra ppreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell;

**(b)** jkunu adattati għall-iskop partikolari li għalih ilkonsumatur ikun jeħtieġhom u li jkun għarraf bihom lillkummerċjant meta kien qed jagħmel il-kuntratt;

**(ċ)** jkunu adattati għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw; u

**(d)** juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti talistess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna, fil-qies tax-xorta tal-oġġetti u meta jitqiesu ddikjarazzjonijiet pubbliċi dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-oġġetti li jsiru dwarhom sew mill-kummerċjant, mill-produttur jew mir-rappreżentant tiegħu, partikolarment flirreklamar jew fuq it-tikketti....

L-artikolu 74 jaqra hekk:

**(1)** Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.

**(2)** Fil-każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew –

**(a)** li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1), jew

**(b)** li jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2).

L-artikolu 75 imbagħad jipprovdi li:

**(1)** Sakemm ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat, il-konsumatur jista', fl-ewwel lok, jeħtieġ lill-kummerċjant isewwi l-oġġetti jew inkella jirrimpjazzjahom, f'kull każ bla ebda ħlas.

**(2)** Rimedju jitqies li jkun sproporzjonat jekk ikun jimponi spejjeż fuq il-kummerċjant li, b'paragun mar-rimedji alternattivi li jeżistu taħt din it-Taqsima, ma jkunux raġonevoli, meta jitqiesu –

**(a)** il-valur tal-oġġetti li kieku ma kienx hemm nuqqas ta' konformità,

**(b)** xi jkun ifisser dak in-nuqqas ta' konformità, u

**(ċ)** jekk ir-rimedju alternattiv ikunx jista' jitlesta għal kollox mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(3)** Kull tiswija jew rimpjazzament għandhom jitlestew, kemm ikun prattikament malajr, fi żmien raġonevoli u mingħajr ebda inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur, meta titqies ix-xorta tal-oġġetti u l-iskop li għalih ilkonsumatur jkun ħtieġ dawk l-oġġetti.

Finalment, skont l-artikolu 76:

**(1)** Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt –

**(a)** meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew

**(b)** jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġonevoli, jew

**(ċ)** jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.

**(2)** Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni talkuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħed minuri u insinjifikanti.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti xtrat iPhone 13 Pro, li huwa ċċertifikat bħala IP68 taħt l-istandard IEC 60529, li jfisser li għandu jiflaħ għal immersjoni fl-ilma sa 6 metri għal 30 minuta taħt kundizzjonijiet ikkontrollati. Madankollu, wara kuntatt ħafif ma ftit ilma tax-xita, l-mobile waqaf jaħdem. Illi huwa minnu li l-IP68 ma jfissirx li l-apparat huwa reżistenti għall-ilma, iżda pjuttost reżistenti għall-ilma taħt kundizzjonijiet speċifiċi, tant li ħafna manifatturi ta' smartphones—inkluż Apple—jiddikjaraw b'mod espliċitu fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom li l-ħsara kkaġunata minn kuntatt ma xi likwidu mhix koperta taħt il-garanzija minkejja klassifikazzjonijiet bħal dawn.

Dan l-anomalija toħloq aspettattiva qarrieqa fil-konsumatur, peress li l-kummerċjalizzazzjoni ta' apparati klassifikati IP68 tissuġġerixxi durabilità kontra l-kuntatt mal-ilma. Skont id-Direttiva tal-UE 2019/771 (Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti), prodott għandu jkun adattat għall-iskop maħsub tiegħu u għandu jaqbel mal-kapaċitajiet li ġie reklamat bihom.

Jekk il-kuntatt ħafif mal-ilma jaqa' fil-parametri IP68, bħal fil-każ odjern, ikkawża ħsara fil-mobile tant li waqaf jaħdem, din tissuġġerixxi difett fid-durabilità, li jwassal sabiex il-bejjiegħ ikun responsabbli. It-Tribunal jinnota li l-Apple ġie mmultat f'diversi ġurisdizzjonijiet talli żgwida lill-konsumaturi fir-riklamar relatat mar-reżistenza għall-ilma u

talli rrifjutat li tkopri l-ħsarat ikkaġunati minn ingress ħafif ta'ilma. F'ACCC v. Apple Inc. (2017), il-Kummissjoni Awstraljana għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur (ACCC) sabet lil Apple ħatja ta' prattiċi qarrieqa, peress li rrappreżentat b'mod falz li l-iPhones kienu reżistenti għall-ilma filwaqt li fl-istess ħin irrifjutat li tkopri ħsarat ikkaġunati minn kuntatt mal-ilma. Bl-istess mod, fl-Italja u Spanja (2020), Apple ġiet immultata €10 miljun mir-regolaturi talli għamlet riklamar qarrieq fir-rigward tal-pretensjonijiet tar-reżistenza tal-iPhone għall-ilma, peress li r-reklamar tagħha ma kienx jirrifletti l-kundizzjonijiet tad-dinja reali. Dawn il-każijiet juru li l-qrati żammew lill-manifattur responsabbli meta r-riklami ħolqu aspettattiva raġonevoli tal-konsumatur ta' durabilità li l-prodott jonqos milli jilħaq.

Minħabba li l-mobile tar-rikorrenti kien espost biss għal kuntatt ħafif mal-ilma, u m'hemm l-ebda evidenza li qabeż il-limiti tal-klassifikazzjoni tal-IP68, l-oneru tal-prova huwa tas-soċjeta' intimata biex turi li l-ħsara rriżultat minn kundizzjonijiet lil hinn minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet. Illi dan huwa eskluż stante li l-espert jikkonferma li l-mobile kellu biss kuntatt ħafif mal-ilma stante li waħda biss mill-LCI ġiet *trigerred.*

Illi għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal isib li s-soċjeta' intimata kisret l-obbligu li tikkunsinna lill-konsumatur oġġetti li kien konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgħ u għalhekk trid twieġeb għad-danni kif previsti fl-għaxar taqsima tal-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk fuq il-mertu t-Tribunal ser jagħddi biex isib favur ir-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jordna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebgħa mija u erbgħa u tmenin ewro (€784) b'dan illi s-socjeta' intimata jkollha dritt li zzomm il-mobile iPhone 13 Pro, fi żmien ġimgħa mil-lum.

B' dan illi r-rikorrenti jkollha dritt taghmel estrazzjoni tad-data privata taghha minn dak il-mobile fi zmien gimgha mis-sentenza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-soċjeta' intimata.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**